Newspaper Review of *Paceville u Lil Hinn Minnu*

by Anton Sammut

Originally published in *It-Torċa*, Sunday, 29 October 2017 (pp. 38–39)

Reviewed by **Omar Seguna**

Includes a full literary critique by **Professor Oliver Friggieri**

This document includes:

A scanned copy of the original article (from *It-Torċa*, pp. 38–39)

A full Maltese transcription

An English translation adapted for clarity and citation

ISBN of the reviewed book: 978-99957-1-161-0

"PACEVILLE U LIL HINN MINNU"

Ir-rumanz ġdid ta' Anton Sammut... kritika letterarja tal-Professur Oliver Friggieri

OMAR SEGUNA / pagnaletterarja@gmail.com



L-isfida ewlenija li għandu l-kittieb letterarju fi żmienna tmiss sewwasew lill-identità tiegħu bħala narratur – minn ġurnalista sa xandar, minn novellier sa rumanzier. L-irrakkuntar, ġeneru bikri li ħareġ minn fi ħdan il-proża-turi u l-poeti klassiċi, spiċċa biex maż-żmien sar tipiku tal-bniedem f'kull imġiba differenti tiegħu, li biha jesprimi u jikkomunika, jaħseb u jbiddel lil ħsiebu f'kelma, li hi ħoss li jrodd tifsira.

Mill-għamla tal-kelma bħala ħoss titrawwem l-effettività tal-messaġġ. Għalhekk il-messaġġ u l-messaġġier, il-kontenut u l-forma, ilkoll ilhom jitqiesu bħala entità komposta waħda għall-inqas sa minn żmien il-kritiku letterarju Taljan Francesco de Sanctis (1817-1883) 'l hawn.

IL-KOMPROMESS POSTMODERN

L-istrutturaliżmu, birreqqa metodika li hu maħsub u mibni biha, issiġilla lil din il-verità – il-kontenut hu l-forma – li ssoktat turi li għall-inqas l-esperjenza umana kollha ssehh fi ħdan sistema, struttura, realtà magħmula minn sensiela ta' mudelli mtennija. F'dan il-kuntest awturi bħal Anton Sammut jafu li r-rakkont miktub tagħhom se jikkompeti ma' dinja teknoloġika, li fiha hi prominenti t-teknoloġija tal-informazzjoni. Minn hawn 'l quddiem l-awtur jagħżel u jadatta l-ġeneru narrattiv, waqt li jifhem li r-rumanzier tradizzjonali ma jistax jibqa' jinstema' bil-qawwa li kellu qabel.

Għal Sammut din l-għażla tfisser li r-rumanz għandu jkun qasir; l-azzjoni trid tkun komuni bħalma hi normalment 'l barra mit-territorju talkelma miktuba; għandu jkun magħmul minn ċirkustanzi li fihom jixirfu l-bnedmin bħala rakkontaturi ta' storja intima. Il-personaġġ prinċipali jrid jingħażel minn fost in-nies tattriq, u jista' (jew ma jistax) jippersonifika prinċipji ideoloġiċi. Id-diskors kollu għandu jkun politikament korrett. L-aspett l-iżjed deċiżiv huwa l-fatt li bejn il-ġudizzju tal-kritika professjonali u l-ġudizzju tal-kritika popolari kien hemm distanza mill-akbar: ir-rumanz rikonoxxut mill-kritika hu differenti ferm mir-rumanz imfittex mill-pubbliku.

Il-kompromess, l-għarfien ta' rumanz li jevita żewġ estremi, instab ukoll. Ir-rumanz il-ġdid seta' jkun forma ta' kompromess bejn tradizzjoni li qdiemet u modernità li kienet għadha ma ndratx. Ir-rumanz "Love Story" (1970) tal-awtur Amerikan Erich Segal (1937-2010) jista' jitqies bħala eżempju, u hekk ukoll "Paceville u Lil Hinn Minnu" ta' Anton Sammut.

IR-RAKKONT POSTMODERN: IS-SENS TAL-BANALI

F'epoka li donnha nghalqet mingħajr risposta finali – bil-loġika matematika tal-filosfu Awstrijak Ludwig Wittgenstein (1889-1951) fuq naħa, u bl-Eżistenzjaliżmu mwegga' tal-filosfu Franċiż Jean-Paul Sartre (1905-1980) u l-oħrajn fuq in-naħa l-oħra – il-Letteratura Ewropea wkoll iddakkret minn din l-għeja intellettwali, sal-punt li l-kritika kontemporanja stess titkellem dwar 'il-Mewt tal-Filosofija'. Intqal kollox, għax inħaseb kollox. Għalhekk, għal Anton Sammut fadal biss id-diskussjoni tal-banalità, tal-affarijiet żgħar. Il-personaġġi ta' Sammut, maħsubin b'ħila li tinkludi d-deskrizzjoni diretta u fuq kollox tinqeda l-ħin kollu bil-ħjiel, bis-suġġeriment u bl-implikazzjoni, huma l-figuri ta' ħsieb li jserrep minn post għal ieħor. Kapitlu 7 joffri l-aħjar eżempji tal-paradoss intelliġenti li jista' jiddefinixxi lill-kitba kollha tal-awtur.

Sammut xi drabi jadotta 'speed' mgħaġġel, veloċità li donnha trid turi li l-lingwa stess hi parti mill-banalità, f'konfront mas-sikta attiva tad-dinja interjuri. Dan jista' jitqies bħala wieħed mit-tipi ta' veloċitajiet li huwa jagħżel waqt li jirrakkonta dwar xi aspett tal-motiv ċentrali tiegħu. Kull argument serju jinħass li jikkuntrasta mad-dinja ta' superfiċjalità li tirreżisti l-ħsieb fuq l-essenzjali. Għalhekk madwar mejda f'Paceville, post li Sammut jirrendih speċi ta' metafora ta' kundizzjoni umana, il-qarrej-semmiegħ jistenna li jsib minn kollox.

Il-banali u l-gravi, il-kunċetti li jissemmew bħalma jissemma wkoll fl-istess ħin, pereżempju, iż-'żarbun sabiħ': iż-żewġ estremi jiltaqgħu fir-ruħ umana, l-aktar meta r-rakkont ikun wasal f'punt deċiżiv. L-element l-iżjed validu huwa l-bdil istantanju tal-burdata u tal-ambjent fejn isseħħ ix-xenetta: dawn huma whud mill-fatturi li jikkostitwixxu l-istil narrattiv ta' Sammut. Mertu ewlieni tal-awtur jinsab sewwasew fil-mod kif l-estremi li jimlew it-tematika tiegħu huma mqegħdin f'konfront biex tidher kwalità ewlenija tan-narrattiva ta' Sammut: l-aljenazzjoni.

IT-TEMA TAL-ALJENAZZJONI

Hemm diversi eżempji li jindikaw l-importanza li għandha t-tema tal-aljenazzjoni, tipika ta' evolviment shih bejn il-Kristjanità tul elfejn sena sħaħ u l-Eżistenzjaliżmu reċenti ta' kull xorta, mill-filosfu Daniż Søren Kierkegaard (1813-1855) sa Sartre.

Jista' jissemma għall-inqas mudell wieħed mill-mudelli differenti li jsawru dan l-istil, li jindika grammatikalment aspett li jmur wisq 'lil hinn' mill-użu tal-lingwa skont regoli fissi, loġiċi, bħalma hu l-użu konsistenti tal-istess temp f'kitba shiha, mill-bidu sal-aħħar. Minkejja l-eżattezza li Anton Sammut jikteb biha, xi drabi jħallat apposta lit-temp passat u lit-temp passat storiku, bħal f'dawn is-siltiet:

(a) nghidilha ġenwinament għax kien ħaqqha veraments.

(b) tgħidli kurjuża Fiona, hija u titfa' sieq fuq oħra waqt li bdiet iżżomm...

Din l-għażla konxja hi eżempju ta' kif l-awtur ifittex li jpinġi kundizzjoni psikoloġika bl-użu ta' dettall lingwistiku.

IR-RAKKONT TAL-ĦSIEB BĦALA AZZJONI

Bħala regola Sammut jirrakkonta lid-dinja li tidher (ir-realtà, id-dinja tas-sensi) fid-dawl tad-dinja tal-ideat (il-verità, id-dinja interjuri). L-ambjent għandu qabelxejn il-funzjoni li jaqbel jew jikkuntrasta mal-persuni li se jimlew lil dak l-ambjent. F'dan ix-xogħol l-awtur jikteb dwar Paceville, li joffri a priori eżempju ta' xi mkien fit-test li minn denotazzjoni joffri minnufih konnotazzjoni.

It-twessigħ tat-tifsira ta' xi kelma matul l-iżvolġiment tal-istorja juri li n-narratur mhux biss qiegħed ifassal il-persunaġġi tiegħu, iżda qiegħed ukoll jiġġudikahom. Qiegħed iħaddem il-prinċipju antik tal-'Poetic Justice': l-awtur jirrakkonta t-tajjeb, u jwasslu sar-rebħa, u jirrakkonta lill-ħażen u jwasslu għat-telfa.

B'hekk Paceville, post u metafora, jinfetaħ u jfakkar f'dak il-minimu ta' għarfien li jservi biex in-narratur u n-narratarju jibqgħu jifhmu dejjem l-istess tifsira bl-istess kelma. Din l-ambigwità ironika fir-relazzjoni tan-narratur mal-ambjent tan-narrazzjoni tiegħu tidher f'din is-silta fil-kuntrast li hemm bejn ċerti kelmiet imqegħdin ħdejn xulxin: "...Ħeqq, minn daqshekk ma tantx hu ovvju r-raġel tiegħi," taqbeż Penny, hija u tistira ruħha b'sinsla dritta fuq is-sufan, "għax ta' spiss narah ġej b'xi rigal ġdid, għażiża kunjata, jew jehodni niekol f'xi restorant rinomat."

"Dik hi l-monotonija ta' raġel romantiku, dear Penny, minħabba li dejjem tkun taf x'qed tistenna minnu," tirribatti fil-pront Mrs Ellis, hija u trewwaħ bi mrewħa tal-bizzilla mudell Spanjol Andalusjan. "Issa dan qed ngħidu jien, li niġi ommu, aħseb u ara mara barranija."

L-IDEA MSARRFA F'RAKKONT

F'dan l-isfond jista' jiftiehem il-proġett narrattiv ta' Anton Sammut, awtur matur u prudenti, imwelled u mrobbi sa mill-bidu tal-mixja letterarja tiegħu fid-dell ta' siġra kbira li hu l-ħin kollu jfakkar li hi l-benniena ta' kull kittieb: l-Istorja tal-Filosofija. Ir-rakkont hu minnu nnifsu orjentat favur l-astratt, l-ispekulattiv, xi idea universali li hu jixtieq jaħdimha biex joħroġ minnha xi konklużjoni. Il-fakultà li hi mħaddma l-iżjed, u fuq kollox, hija l-memorja. Kull persunaġġ jirrivela ftit minn ħajtu, anke jekk b'effett ironiku. Il-memorja hawn hi ppreżentata bħala kundizzjoni kostanti li ma tvarja qatt. F'termini grammatikali, mela, l-awtur ma jippreferixxix il-verb u l-avverbju, imma lin-nom u lill-aġġettiv. Għalih, hu liema hu t-tip ta' narratur li hu jadotta, l-argumentazzjoni filosofika hi t-tieni natura tar-rumanzier: rakkont ilaħħam idea. Jekk hu hekk, allura l-persunaġġi tiegħu huma qabelxejn kelliema, ħassieba, intellettwali li bħallikieku għandhom rabta ambigwa mar-realtà tal-fatti komuni.

IR-RUMANZ MILL-FIŻIKU SAL-METAFIŻIKU

Ma hux l-aptit okkażjonali li jitqawwa skont is-sitwazzjoni, l-iżjed meta l-laqgħa bejn il-mara u r-raġel twassal għall-iżvilupp xieraq taż-żewġ naħat biex tinbena definizzjoni umana waħda, komposta, duwali, bħallikieku hi l-animus u l-anima mlaqqgħin flimkien, jew hi t-tħaddim tar-raġuni (bħala l-bidu) u s-sentiment (bħala l-qofol). Sammut jissuġġerixxi l-ħin kollu li kull esperjenza umana hi taħlita ta' żewġ viżjonijiet differenti, kumplimentari, ħekk, kif ħalaqhom Alla fil-Ġnien tal-Eden. Bejn l-Eden implikat bħala oġġett qadim tal-memorja (it-test tal-qiegħ), u Paceville, mifhum bħala l-post li jikkonkretizza attitudni eżistenzjali, hemm bħallikieku l-vjaġġ kollu li l-awtur implikat jimponi fuq il-personaġġi tiegħu, ilkoll estensjoni raġunata ta' argumenti eżis-

tenzjali tiegħu. Il-post-modernità ta' Sammut hi attiva sewwasew għaliex hi mibnija tajjeb fuq żewġ kompetenzi li kittieb hu mistenni bħala minimu li jkollu: id-dispożizzjoni filosofika mitwielda, u l-għarfien formali tal-Istorja tal-Filosofija.

Dan hu speċi ta' awtoritratt, miktub u mifrux fuq għadd ta' paġni. F'Sammut hemm dejjem fil reliġjuż għaddej minn taħt, fil-qiegħ, issuġġerit, u xi drabi mtella' bil-qawwa sa fil-wiċċ – il-wiċċ ta' barra imqalleb. F'dan id-dawl l-isem tar-rumanz stess jindika dan. "Paceville u Lil Hinn Minnu": it-test tal-wiċċ jirrakkonta lil 'Paceville' li jidher, waqt li t-test tal-qiegħ jinstab 'lil hinn minnu', u għalhekk ma jidhirx, jiġifieri joffri interpretazzjoni tiegħu, li ma tidhirx. Il-fiżiku u l-metafiżiku huma mlaqqgħin flimkien.

PERSONAĠĠI TAL-ĦSIEB MITĦADDET

Id-duwalità, tipika tal-Filosofija Ewropea minn Aristotli (384-322 qK) 'l hawn, hi riflessa hawn ukoll, anke bħala kundizzjoni li jsib ruħu fiha kull min, bħall-karattri ta' Anton Sammut, hu mmexxi mill-konvinzjoni li r-realtà tesiġi li tkun interpretata bis-saħħa ta' metodu li jittraxxendiha. L-awtur jaqbad lill-personaġġi tiegħu fil-punt tad-deċiżjoni. Dan kollu huwa suġġerit u implikat fir-rumanz, ladarba l-awtur isegwi l-prinċipju Latin antik 'ars est celare artem' (l-arti hi li taħbi l-arti), u allura l-arti hi l-oppost tal-ovvju, differenti mir-rappurtaġġ dirett. Mill-bidu sal-aħħar ir-rumanz iżomm distakk xieraq minn mal-karattri, anke jekk l-awtur sikwit jinħass f'elementi partikolari, bħalma hija l-binja sintattika ta' sentenzi li jesprimu kundizzjoni b'qawwa akbar missoltu. Ir-rumanz hu miktub fl-ewwel persuna, b'tonalità konfessjonali li tiswa ħafna biex mill-bidu sal-aħħar il-protagonista jingħaraf fl-identità vera tiegħu. L-aħħar paragrafu tar-rumanz jinkludi għud mill-kliem-muftieħ tiegħu: fantasija, realtà, maġija.

IL-LETTERATURA BĦALA TFAKKIRA

Forsi l-qofol ta' dan kollu jinġabar fl-idea li r-rumanz hu tiftixa tad-definizzjoni tal-umanità bħala formula naturali komposta mill-maskil u mill-femminil flimkien. Leali lejn il-wirt reliġjuż u letterarju ta' tradizzjoni shiha li Malta ilha sekli sħaħ tieħu sehem fiha, l-awtur isieħeb flimkien numru ta' ġeneri narrattivi: l-awtobijografija, l-ittra, id-diskors formali jew tal-okkażjoni, jew intimu jew soċjali, u l-bqija.

Is-sehem distint ta' Anton Sammut jinstab fil-modalitajiet li bihom jirrakkonta: bejn dirett u indirett, bejn b'mistoqsija u bi tweġiba, bejn b'dubju u b'ċertezza. Il-proża tiegħu hi msawra mit-taħlita naturali tal-persunaġġ ħassieb attiv u prattiku, diskursiv f'kull okkażjoni li tixref minn waqt għal ieħor biex tipprovdilu kullimkien, u anke f'Paceville, realtà li tnessi.

Iżda l-awtur ifakkar, u jsib kull opportunità biex jobdi lil dan il-kmandament imwieled miegħu anke f'post u f'ħin ta' divertiment. Ir-rakkont kollu jippreżenta mill-qrib l-okkażjoni-skuża li jrid l-awtur: jistaqsi, iwieġeb u mbagħad jerġa' jistaqsi, waqt li jiżvolġi l-isbaħ aspett tad-diskors tiegħu kollu: it-tlaqqigħ tal-insinifikanti u tal-assolut flimkien, jew aħjar l-iskoperta tad-distanza bejn l-aljenazzjoni u l-konċentrazzjoni.

Bi stil mirqum u fl-istess ħin spontanju, u b'għażla ta' burdati li jimxu b'pass wieħed mal-qagħda ġewwiena tal-protagonista, Anton Sammut qiegħed jissokta miexi fil-vjaġġ mibdi snin ilu, b'konsistenza tematika daqskemm stilistika.

Il-lingwaġġ għandu parti ewlenija fil-bini ta' fiction ta' din is-sura. Hu lingwaġġ riflessiv aktar milli attiv, eleganti u fl-istess ħin informali, u xi drabi konxjament devjanti bl-iskop li jesprimi l-istorja ta' rumanz magħmul mil-lingwa mitħaddta.

Għal aktar informazzjoni fuq il-kotba ta' Anton Sammut wieħed jista' jidħol fis-sit tiegħu www.antonsammut.com

AĦN'AĦWA JEW M'AĦNIEX?

ŻiguŻajg - il-Festival tal-Arti għat-Tfal u ż-Żgħażagħ reġa' magħna! Din is-sena, il-Festival se jippreżenta d-dramm "Aħna'Aħwa jew m'aħniex?" b'kitba u direzzjoni ta' Marta Vella.

Id-dramm ilaqqagħna ma' Alex, parti maħduma minn Ronald Briffa, u Pete, parti maħduma minn Jamie Cardona. Wieħed mill-aħwa jgħix l-Ingilterra u l-iehor Malta. Wieħed tal-business u l-iehor Junior College.

It-tieni sena. Wieħed jiekol u l-iehor jaħmi. Alex u Pete differenti minn xulxin. Imma meta Michelle u Sandro jħalluna, it-tnejn li huma jispiċċaw orfni. It-tnejn li huma jridu jsibu tarf ħajjithom. It-tnejn li huma jridu jaraw x'se jagħmlu b'idejhom. Mhux faċli għal żewġt aħwa 'l bogħod minn xulxin biex jaħdmu flimkien. Imma flimkien, forsi, isibu tarf tal-kobba.

Dan id-dramm immirat għaż-żgħażagħ se jittella' fis-17, fl-20, fis-22 u fis-26 ta' Novembru, dejjem fis-6.30pm ġewwa t-Teatru tal-Kavallier ta' San Ġakbu.

Il-biljetti jistgħu jinqatgħu minn ħawn: http://www.ziguzajg.org/project/ahnaahwa-jew-mahniex/

"Jarmuk"

Awtur: Stephen Lughermo, Pubblikazzjoni: Horizons

Xtaqt li ngħaddi kumment personali li mal-ewwel ġie f'moħħi kif akkwistajt dan il-ktieb; kumment li qed nagħmel aktar bħala missier milli bħala kritiku. Issa li binti dieħla bil-mod fiż-żmien tal-adoloxxenza qed infittex ħafna dawn it-tip ta' kotba li jilħqu udjenza żagħżugħa. Ixxurtjati li grazzi għal awturi bħal Stephen Lughermo, John A. Bonello, Rita Saliba, Carmel G. Cauchi u ħafna u ħafna oħrajn dawn it-tip ta' kotba qegħdin dejjem jiżdiedu. Huwa tajjeb u f'waqtu li ma jitħalliex vojt bejn kotba immirati għat-tfal u oħrajn għall-adulti.

L-adoloxxenza huwa l-perjodu ta' żvilupp pjuttost mgħaġġel, ta' ribelljoni, ta' protesta kontra l-awtorità. Huwa wkoll il-perjodu li ma laħaqx il-livell ta' maturità shiha. Huwa għalhekk li l-idealiżmu jippredomina l-ħsieb, il-ħolm għal dinja aħjar li ironikament flimkien mar-ribelljoni huma parti mill-formazzjoni normali taż-żgħażugħ jew żgħażugħa.

Din li bosta jarawha art fertili għall-ħażen fosthom għall-vizzji, awturi bħal Stephen Lughermo, forsi grazzi għall-esperjenza twila tiegħu jaħdem maż-żgħażagħ u l-adoloxxenti, jaraha bħala opportunità biex tiżra' fiha l-valuri.

Jien nemmen li qatt m'għadna nħarsu lejn iż-żgħażagħ bħala l-futur għax iż-żgħażagħ fuq kollox huma l-preżent. Il-kontribut li jistgħu jagħtu għandu valur kbir fid-dinja li qed ngħixu fiha llum. Madankollu meta nara ktieb bħal dan, ma jistax ma jiġinix f'moħħi l-ħsieb fuq il-ħtieġa li fiż-żgħażagħ tagħna ninvestu biex ikollna dinja aħjar. Ningħaqdu ma' dan l-awtur u nisfruttaw millħolm u l-idealiżmu taż-żgħażagħ biex inwasslulhom valuri ta' solidarjetà, ta' tolleranza, ta' ugwaljanza, u ta' sliem fost oħrajn.

F'dan il-ktieb niltaqgħu mal-protagonisti, Marwan u Chanelle, li huma wkoll narraturi fl-ewwel persuna, iħabbtu wiċċhom ma' aspetti differenti ta' solitudni. Marwan huwa żagħżugħ Sirjan li ħarab m'ommu minn Yarmouk (distrett barra Damasku) biex jevita l-gwerra. Issa li qed jgħix Malta, madankollu, iħoss innuqqas ta' art twelidu u tal-bqija ta' familtu u jbati l-iżolament minn shabu għax donnu qatt ma jista' jintegra mal-oħrajn. Mill-banda l-oħra, Chanelle hija żagħżugħa Maltija li kellha tikber qabel iż-żmien. It-tluq t'ommha mid-dar, poġġieha kmieni wisq firrwol ta' 'omm tal-familja' fejn tispiċċa ddur b'missierha u tieħu paċenzja bil-ġennati ta' ħuha. Dan kollu, jifridha miż-żgħażagħ tal-età tagħha u tispiċċa iżolata hi wkoll. It-tnejn, għalhekk, jispiċċaw donnhom 'mormija' (għalhekk "Jarmuk" – minbarra li hemm logħob bil-kliem fuq il-post fejn trabba Marwan) mis-soċjetà ta' madwarhom. It-toroq ta' Marwan u Chanelle jiltaqgħu minħabba ċirkostanza partikolari li twassalhom biex isibu ftit sostenn f'xulxin. Però huwa sostenn dgħajjef li jkompli jiżvolġi fil-bqija tar-rumanz...

"Jarmuk" huwa rumanz bi protagonisti żgħażagħ iżda mhuwiex immirat biss għal udjenza żagħżugħa. Minħabba t-temi li jittratta jien ċert li jmur tajjeb ħafna wkoll mal-kbar. Huma temi li aħna llum ilkoll qed niddiskutu. Fil-fehma tiegħu l-awtur jagħraf l-għerq tad-diffikultajiet li jsibu ruħhom bosta, li fuq nota personali nazzarda ngħid li jekk ma jiġux indirizzati jistgħu jwasslu għal problemi ħafna akbar kif qed ifaqqsu f'diversi nħawi fl-Ewropa.

Is-sabiħ ta' dan il-ktieb huwa li waqt li jagħraf u jifhem persuna bil-problemi uniċi tagħha, ma jiġġeneralizzax, u jibni tribujiet ġodda.

"Jarmuk" huwa t-tieni rumanz ta' Stephen Lughermo. Bl-ewwel wieħed, "X'Aħna Smart!" (2015, Horizons), kien rebaħ il-Konkors Letteratura għaż-Żgħażagħ 2014 organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u mill-Aġenzija Żgħażagħ.

Dwar dan il-ktieb ħadt kumment qasir ta' Rita Saliba li bħal Stephen Lughermo tikteb ħafna kotba għal adoloxxenti u dan l-aħħar tatna żewġ rumanzi l-ġmiel tagħhom: "Damask" li huwa maħsub għall-kbar u "Il-ħajjat tal-istejjer" li huwa immirat għat-tfal. Dwar il-ktieb "Jarmuk", Rita Saliba qaltilna hekk:

"Dan huwa rumanz sensittiv u kultant ħassejtu poetiku. Il-linja ta' ħsieb hija mżewqa bil-lingwa Maltija mħaddma tajjeb u b'mod sabiħ fl-espressjoni tagħha. L-istorja tista' tmissha b'idejk. Tirrakkonta l-ħajja ta' żewġ żgħażagħ f'sitwazzjonijiet differenti minn ta' xulxin, iżda li l-awtur qarribhom lejn xulxin b'mod l-aktar b'saħħtu."

Nagħlaq b'dan il-kumment. "Jarmuk" hu ppubblikat minn Horizons u jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-kotba ewlenin.

This document is a verbatim transcription of the Maltese-language newspaper article by Omar Seguna, published in **It-Torċa** *on 29 October 2017 (Letteratura section, pp. 38–39). The article features a full literary critique by Professor Oliver Friggieri on the novel* **Paceville u Lil Hinn Minnu** *(2017) by Anton Sammut.*

"Paceville u Lil Hinn Minnu" – Ir-rumanz ġdid ta' Anton Sammut... kritika letterarja tal-Professur Oliver Friggieri

By Omar Seguna[1]

Originally published in **It-Torċa** *on 29 October 2017 (Letteratura section, pp. 38–39).*
ISBN: 978-99957-1-161-0

L-isfida ewlenija li għandu l-kittieb letterarju fi żmienna tmiss sewwasew lill-identità tiegħu bħala narratur – minn ġurnalista sa xandar, minn novellier sa rumanzier.

L-irrakkuntar, ġeneru bikri li ħareġ minn fi ħdan il-prożaturi u l-poeti klassiċi, spiċċa biex maż-żmien sar tipiku tal-bniedem f'kull imġiba differenti tiegħu, li biha jesprimi u jikkomunika, jaħseb u jbiddel lil ħsiebu f'kelma, li hi ħoss li jrodd tifsira.

Mill-għamla tal-kelma bħala ħoss titrawwem l-effettività tal-messaġġ. Għalhekk il-messaġġ u l-messaġġier, il-kontenut u l-forma, ilkoll ilhom jitqiesu bħala entità komposta waħda għall-inqas sa minn żmien il-kritiku letterarju Taljan Francesco de Sanctis (1817-1883) 'l hawn.

Il-kompromess postmodern

L-Istrutturaliżmu, bir-reqqa metodika li hu maħsub u mibni biha, issiġilla lil din il-verità – il-kontenut hu l-forma – li ssoktat turi li għall-inqas l-esperjenza umana kollha sseħħ fi ħdan sistema, struttura, realtà magħmula minn sensiela ta' mudelli mtennija.

F'dan il-kuntest, awturi bħal Anton Sammut jafu li r-rakkont miktub tagħhom se jikkompeti ma' dinja teknoloġika, li fiha hi prominenti t-teknoloġija tal-informazzjoni. Minn hawn 'il quddiem l-awtur jagħżel u jadatta l-ġeneru narrattiv, waqt li jifhem li r-rumanzier tradizzjonali ma jistax jibqa' jinstema' bil-qawwa li kellu qabel.

Għal Sammut din l-għażla tfisser li r-rumanz għandu jkun qasir; l-azzjoni trid tkun komuni bħalma hi normalment 'il barra mit-territorju tal-kelma miktuba; għandu jkun magħmul minn ċirkustanzi li fihom jixirfu l-bnedmin bħala rakkontaturi ta' storja intima. Il-personaġġ prinċipali jrid jingħażel minn fost in-nies tat-triq, u jista' (jew ma jistax) jippersonifika prinċipji ideoloġiċi. Id-diskors kollu għandu jkun politikament korrett.

L-aspett l-iżjed deċiżiv huwa l-fatt li bejn il-ġudizzju tal-kritika professjonali u l-ġudizzju tal-kritika popolari kien hemm distanza mill-akbar: ir-rumanz rikonoxxut mill-kritika hu differenti ferm mir-rumanz imfittex mill-pubbliku.

Il-kompromess, l-għarfien ta' rumanz li jevita ż-żewġ estremi, instab ukoll. Ir-rumanz il-ġdid seta' jkun forma ta' kompromess bejn tradizzjoni li qdiemet u modernità li kienet għadha ma ndratx. Ir-rumanz *Love Story* (1970) tal-awtur Amerikan Erich Segal (1937-2010) jista' jitqies bħala eżempju, u hekk ukoll *Paceville u Lil Hinn Minnu* ta' Anton Sammut.

Ir-rakkont postmodern: is-sens tal-banali

F'epoka li donnha ngħalqet mingħajr risposta finali – bil-loġika matematika tal-filosfu Awstrijak Ludwig Wittgenstein (1889-1951) fuq naħa, u bl-Eżistenzjaliżmu mweġġa' tal-

filosfu Franċiż Jean-Paul Sartre (1905-1980) u l-oħrajn fuq in-naħa l-oħra – il-Letteratura Ewropea wkoll iddakkret minn din l-għeja intellettwali, sal-punt li l-kritika kontemporanja stess titkellem dwar 'il-Mewt tal-Filosofija'. Intqal kollox, għaliex inħaseb kollox. Għalhekk, għal Anton Sammut fadal biss id-diskussjoni tal-banalità, tal-affarijiet żgħar.

Il-persunaġġi ta' Sammut, maħsubin b'ħila li tinkludi d-deskrizzjoni diretta u fuq kollox tinqeda l-ħin kollu bil-ħjiel, bis-suġġeriment u bl-implikazzjoni, huma l-figuri ta' ħsieb li jserrep minn post għal ieħor. Kapitlu 7 joffri l-aħjar eżempji tal-paradoss intelliġenti li jista' jiddefinixxi lill-kitba kollha tal-awtur.

Sammut xi drabi jadotta '*speed*' mgħaġġel, veloċità li donnha trid turi li l-lingwa stess hi parti mill-banalità, f'konfront mas-sikta attiva tad-dinja interjuri. Dan jista' jitqies bħala wieħed mit-tipi ta' veloċitajiet li huwa jagħżel waqt li jirrakkonta dwar xi aspett tal-motiv ċentrali tiegħu. Kull argument serju jinħass li jikkuntrasta mad-dinja ta' superfiċjalità li tirreżisti l-ħsieb fuq l-essenzjali. Għalhekk madwar mejda f'Paceville, post li Sammut jirrendih speċi ta' metafora ta' kundizzjoni umana, il-qarrej-semmiegħ jistenna li jsib minn kollox.

Il-banali u l-gravi, il-kunċetti li jissemmew bħalma jissemma wkoll fl-istess ħin, pereżempju, iż-'żarbun sabiħ': iż-żewġ estremi jiltaqgħu fir-ruħ umana, l-aktar meta r-rakkont ikun wasal f'punt deċiżiv. L-element l-iżjed validu huwa l-bdil istantanju tal-burdata u tal-ambjent fejn isseħħ ix-xenetta: dawn huma wħud mill-fatturi li jikkostitwixxu l-istil narrattiv ta' Sammut. Mertu ewlieni tal-awtur jinsab sewwasew fil-mod kif l-estremi li jimlew it-tematika tiegħu huma mqegħdin f'konfront biex tidher kwalità ewlenija tan-narrattiva ta' Sammut: l-aljenazzjoni.

It-tema tal-aljenazzjoni

Hemm diversi eżempji li jindikaw l-importanza li għandha t-tema tal-aljenazzjoni, tipika ta' evolviment sħiħ bejn il-Kristjanità tul elfejn sena sħaħ u l-Eżistenzjaliżmu reċenti ta' kull xorta, mill-filosfu Daniż Søren Kierkegaard (1813-1855) sa Sartre. Jista' jissemma għall-inqas mudell wieħed mill-mudelli differenti li jsawru dan l-istil, li jindika grammatikalment aspett li jmur wisq 'lil hinn' mill-użu tal-lingwa skont regoli fissi, loġiċi, bħalma hu l-użu konsistenti tal-istess temp f'kitba sħiħa, mill-bidu sal-aħħar. Minkejja l-eżattezza li Anton Sammut jikteb biha, xi drabi jħallat apposta lit-temp passat u lit-temp passat storiku, bħal f'dawn is-siltiet:

(a) *ngħidilha* ġenwinament għax *kien* ħaqqha verament. (b) *tgħidli* kurjuża Fiona, hija u *titfa'* sieq fuq oħra waqt li *bdiet* iżżomm...

Din l-għażla konxja hi eżempju ta' kif l-awtur ifittex li jpinġi kundizzjoni psikoloġika bl-użu ta' dettall lingwistiku.

Ir-rakkont tal-ħsieb bħala azzjoni

Bħala regola Sammut jirrakkonta lid-dinja li tidher (ir-realtà, id-dinja tas-sensi) fid-dawl tad-dinja tal-ideat (il-verità, id-dinja interjuri). L-ambjent għandu qabelxejn il-funzjoni li jaqbel jew jikkuntrasta mal-persuni li se jimlew lil dak l-ambjent. F'dan ix-xogħol l-awtur jikteb dwar Paceville, li joffri *a priori* eżempju ta' xi mkien fit-test li minn denotazzjoni joffri minnufih konnotazzjoni. It-twessigħ tat-tifsira ta' xi kelma matul l-iżvolġiment tal-istorja juri li n-narratur mhux biss qiegħed ifassal il-persunaġġi tiegħu, iżda qiegħed ukoll jiġġudikahom. Qiegħed iħaddem il-prinċipju antik tal-'*Poetic Justice*':

l-awtur jirrakkonta t-tajjeb, u jwasslu sar-rebħa, u jirrakkonta lill-ħażen u jwasslu għat-telfa.

B'hekk Paceville, post u metafora, jinfetaħ u jfakkar f'dak il-minimu ta' għarfien li jservi biex in-narratur u n-narratarju jibqgħu jifhmu dejjem l-istess tifsira bl-istess kelma. Din l-ambigwità ironika fir-relazzjoni tan-narratur mal-ambjent tan-narrazzjoni tiegħu tidher f'din is-silta fil-kuntrast li hemm bejn ċerti kelmiet imqegħdin ħdejn xulxin: "…Ħeqq, minn daqshekk ma tantx hu ovvju r-raġel tiegħi," taqbeż Penny, hija u tistira ruħha b'sinsla dritta fuq is-sufan, "għax ta' spiss narah ġej b'xi rigal ġdid, għażiża kunjata, jew jeħodni niekol f'xi restorant rinomat."

"Dik hi l-monotonija ta' raġel romantiku, *dear* Penny, minħabba li dejjem tkun taf x'qed tistenna minnu," tirribatti fil-pront Mrs Ellis, hija u trewwaħ bi mrewħa tal-bizzilla mudell Spanjol Andalusjan. "Issa dan qed ngħidu jien, li niġi ommu, aħseb u ara mara barranija" (*Paceville u Lil Hinn Minnu*, p. 14).

L-idea msarrfa f'rakkont

F'dan l-isfond jista' jiftiehem il-proġett narrattiv ta' Anton Sammut, awtur matur u prudenti, imwelled u mrobbi sa mill-bidu tal-mixja letterarja tiegħu fid-dell ta' siġra kbira li hu l-ħin kollu jfakkar li hi l-benniena ta' kull kittieb: l-Istorja tal-Filosofija.

Ir-rakkont hu minnu nnifsu orjentat favur l-astratt, l-ispekulattiv, xi idea universali li hu jixtieq jaħdimha biex joħroġ minnha xi konklużjoni. Il-fakultà li hi mħaddma l-iżjed, u fuq kollox, hija l-memorja. Kull persunaġġ jirrivela ftit minn ħajtu, anki jekk b'effett ironiku. Il-memorja hawn hi ppreżentata bħala kundizzjoni kostanti li ma tvarja qatt. F'termini grammatikali, mela, l-awtur ma jippreferixxix il-verb u l-avverbju, imma lin-nom u lill-aġġettiv.

Għalih, hu liema hu t-tip ta' narratur li hu jadotta, l-argumentazzjoni filosofika hi t-tieni natura tar-rumanzier: rakkont ilaħħam idea. Jekk hu hekk, allura l-persunaġġi tiegħu huma qabelxejn kelliema, ħassieba, intellettwali li bħallikieku għandhom rabta ambigwa mar-realtà tal-fatti komuni.

Ir-rumanz mill-fiżiku sal-metafiżiku

Ma hux l-aptit okkażjonali li jitqawwa skont is-sitwazzjoni, l-iżjed meta l-laqgħa bejn il-mara u r-raġel twassal għall-iżvilupp xieraq taż-żewġ naħat biex tinbena definizzjoni umana waħda, komposta, duwali, bħallikieku hi l-*animus* u l-*anima* mlaqqgħin flimkien, jew hi t-tħaddim tar-raġuni (bħala l-bidu) u s-sentiment (bħala l-qofol).

Sammut jissuġġerixxi l-ħin kollu li kull esperjenza umana hi taħlita ta' żewġ viżjonijiet differenti, kumplimentari, hekk, kif ħalaqhom Alla fil-Ġnien tal-Eden. Bejn l-Eden implikat bħala oġġett qadim tal-memorja (it-test tal-qiegħ), u Paceville, mifhum bħala l-post li jikkonkretizza attitudni eżistenzjali, hemm bħallikieku l-vjaġġ kollu li l-awtur implikat jimponi fuq il-persunaġġi tiegħu, ilkoll estensjoni raġunata ta' argumenti eżistenzjali tiegħu.

Il-post-modernità ta' Sammut hi attiva sewwasew għaliex hi mibnija tajjeb fuq żewġ kompetenzi li kittieb hu mistenni bħala minimu li jkollu: id-dispożizzjoni filosofika mitwielda, u l-għarfien formali tal-Istorja tal-Filosofija.

Dan hu speċi ta' awtoritratt, miktub u mifrux fuq għadd ta' paġni. F'Sammut hemm dejjem fil reliġjuż għaddej minn taħt, fil-qiegħ, issuġġerit, u xi drabi mtella' bil-qawwa sa fil-wiċċ – il-wiċċ ta' barra imqalleb. F'dan id-dawl l-isem tar-rumanz stess jindika dan. *Paceville u Lil Hinn Minnu*: it-test tal-wiċċ jirrakkonta lil 'Paceville' li jidher, waqt li t-

test tal-qiegħ jinstab ‘lil hinn minnu’, u għalhekk ma jidhirx, jiġifieri joffri interpretazzjoni tiegħu, li ma tidhirx. Il-fiżiku u l-metafiżiku huma mlaqqgħin flimkien.

Personaġġi tal-ħsieb mitħaddet

Id-duwalità, tipika tal-Filosofija Ewropea minn Aristotli (384-322 qK) ’l hawn, hi riflessa hawn ukoll, anki bħala kundizzjoni li jsib ruħu fiha kull min, bħall-karattri ta’ Anton Sammut, hu mmexxi mill-konvinzjoni li r-realtà tesiġi li tkun interpretata bis-saħħa ta’ metodu li jittraxxendiha. L-awtur jaqbad lill-personaġġi tiegħu fil-punt tad-deċiżjoni. Dan kollu huwa suġġerit u implikat fir-rumanz, ladarba l-awtur isegwi l-prinċipju Latin antik ‘*ars est celare artem’* (l-arti hi li taħbi l-arti), u allura l-arti hi l-oppost tal-ovvju, differenti mir-rappurtaġġ dirett.

Mill-bidu sal-aħħar ir-rumanz iżomm distakk xieraq minn mal-karattri, anki jekk l-awtur sikwit jinħass f’elementi partikolari, bħalma huma r-ripetizzjoni ta’ aġġettivi, u l-binja sintattika ta’ sentenzi li jesprimu kundizzjoni b’qawwa akbar mis-soltu. Ir-rumanz hu miktub fl-ewwel persuna, b’tonalità konfessjonali li tiswa ħafna biex mill-bidu sal-aħħar il-protagonista jingħaraf fl-identità vera tiegħu. L-aħħar paragrafu tar-rumanz jinkludi wħud mill-kliem-muftieħ tiegħu: *fantasija, realtà, maġija*.

Il-letteratura bħala tfakkira

Forsi l-qofol ta’ dan kollu jingħabar fl-idea li r-rumanz hu tiftixa tad-definizzjoni tal-umanità bħala formula naturali komposta mill-maskil u mill-femminil flimkien.

Leali lejn il-wirt reliġjuż u letterarju ta’ tradizzjoni sħiħa li Malta ilha sekli sħaħ tieħu sehem fiha, l-awtur isieħeb flimkien numru ta’ ġeneri narrattivi: l-awtobijografija, l-ittra, id-diskors formali jew tal-okkażjoni, jew intimu jew soċjali, u l-bqija.

Is-sehem distint ta' Anton Sammut jinstab fil-modalitajiet li bihom jirrakkonta: bejn dirett u indirett, bejn b'mistoqsija u bi tweġiba, bejn b'dubju u b'ċertezza. Il-proża tiegħu hi msawra mit-taħlita naturali tal-persunaġġ ħassieb attiv u prattiku, diskursiv f'kull okkażjoni li tixref minn waqt għal ieħor biex tipprovdilu kullimkien, u anki f'Paceville, realtà li tnessi.

Iżda l-awtur ifakkar, u jsib kull opportunità biex jobdi lil dan il-kmandament imwieled miegħu anki f'post u f'ħin ta' divertiment. Ir-rakkont kollu jippreżenta mill-qrib l-okkażjoni-skuża li jrid l-awtur: jistaqsi, iwieġeb u mbagħad jerġa' jistaqsi, waqt li jiżvolġi l-isbaħ aspett tad-diskors tiegħu kollu: it-tlaqqigħ tal-insinifikanti u tal-assolut flimkien, jew aħjar l-iskoperta tad-distanza bejn l-aljenazzjoni u l-konċentrazzjoni.

Bi stil mirqum u fl-istess ħin spontanju, u b'għażla ta' burdati li jimxu b'pass wieħed mal-qagħda ġewwiena tal-protagonista, Anton Sammut qiegħed jissokta miexi fil-vjaġġ mibdi snin ilu, b'konsistenza tematika daqskemm stilistika. Il-lingwaġġ għandu parti ewlenija fil-bini ta' *fiction* ta' din is-sura. Hu lingwaġġ riflessiv aktar milli attiv, eleganti u fl-istess ħin informali, u xi drabi konxjament devjanti bl-iskop li jesprimi l-istorja ta' rumanz magħmul mil-lingwa miħaddta.

Oliver Friggieri

Note: *This is a verbatim Maltese transcription of a newspaper article originally published in It-Torċa on 29 October 2017 (pp. 38–39). The article discusses the novel* Paceville u Lil Hinn Minnu *by Anton Sammut and features a literary critique by Professor Oliver Friggieri. Layout and formatting have been adapted for ease of reading. All interpretations of the original content have been preserved.*

[1] Seguna, Omar. "*Paceville u Lil Hinn Minnu" – Kritika letterarja tal-Professur Oliver Friggieri*. It-Torċa, 29 October 2017, pp.38-39.

This document reproduces in full the English translation of the Maltese-language newspaper article by Omar Seguna, published in **It-Torċa** *on 29 October 2017 (Letteratura section, pp. 38–39). The article features a full literary critique by Professor Oliver Friggieri on the novel* **Paceville u Lil Hinn Minnu** *(2017) by Anton Sammut.*

"Paceville and Beyond" – The new novel by Anton Sammut... a literary critique by Professor Oliver Friggieri.

By Omar Seguna.[1]

Originally published in ***It-Torċa***, Sunday, 29 October 2017 (Literature Section, pp. 38–39)
ISBN: 978-99957-1-161-0

The Writer's Main Challenge in Our Time

The principal challenge facing the literary writer in our time touches directly upon his identity as a narrator — from journalist to broadcaster, from short story writer to novelist.

Narration, an ancient genre that arose from within classical prose writers and poets, has over time become typical of the human condition in all its expressive forms. Through narration, a person expresses and communicates, reflects, and transforms thought into language, a sound imbued with meaning.

From the very shape of the word as sound, the effectiveness of the message is cultivated. Thus, message and messenger, content and form, have long been considered a unified entity — at least since the time of the Italian literary critic Francesco de Sanctis (1817–1883).

The Postmodern Compromise

Structuralism, with its meticulous methodology, confirms this truth — that content is form — and continues to show that, at the very least, all human experience unfolds within a system, a structure, a reality composed of a series of recurring patterns.

In this context, writers like Anton Sammut are aware that their written narrative must compete with a technological world dominated by information technology. From here, the writer

chooses and adapts the narrative genre, all the while understanding that the traditional novelist can no longer be heard with the same resonance as before.

For Sammut, this choice means that the novel must be brief; the action must occur in settings normally outside the realm of written language; it must be composed of circumstances in which people emerge as narrators of personal stories. The main character must be drawn from everyday life and may or may not embody ideological principles. All dialogue must be politically correct.

The most decisive aspect is the significant distance between professional critical judgment and popular critical judgment: the novel recognised by critics is vastly different from the one sought by the public.

A compromise was also found: the recognition of a novel that avoids both extremes. The new novel could serve as a form of compromise between a declining tradition and a modernity yet to be fully embraced. The American author Erich Segal's *Love Story* (1970) may be cited as an example, and so too can *Paceville u Lil Hinn Minnu* by Anton Sammut.

The Postmodern Narrative: The Meaning of the Banal

In an age seemingly closed off without a final answer — with the mathematical logic of Austrian philosopher Ludwig Wittgenstein (1889–1951) on one side, and the wounded existentialism of French philosopher Jean-Paul Sartre (1905–1980) and others on the other — European literature too has been marked by this intellectual fatigue, to the point where contemporary criticism speaks of the "death of philosophy." Everything has been said because everything has been thought. Therefore, for Anton Sammut, only the discussion of banality and minor matters remains.

Sammut's characters, crafted with a skill that includes direct description but primarily functions through hint, suggestion, and implication, are figures of thought that drift from one place to another. Chapter 7 provides some of the best examples of the intelligent paradox that characterises the author's entire body of work.

At times, Sammut adopts an accelerated "speed," a narrative velocity that appears to demonstrate that language itself is part of the banal — in contrast with the active silence of the interior world. This is one of the stylistic rhythms he chooses to depict some aspect of his

central theme. Every serious argument is made to stand in contrast to a superficial world that resists contemplation of the essential. Hence, around a table in Paceville — a place Sammut renders a metaphor for the human condition — the reader-listener expects to encounter everything.

The banal and the serious, the trivial and the profound, appear together, as in the mention of a “beautiful shoe”: the two extremes meet in the human soul, particularly when the narrative reaches a decisive point. One of the most valuable narrative elements is the instant shift in mood and setting within a scene — these are among the hallmarks of Sammut's narrative style. His major literary merit lies precisely in the way he confronts opposites to highlight a central quality of his work: alienation.

The Theme of Alienation

There are several examples indicating the importance of the theme of alienation, characteristic of the full historical evolution from Christianity over two thousand years to the various strands of recent existentialism, from Danish philosopher Søren Kierkegaard (1813–1855) to Sartre. At least one model can be cited to illustrate this style: the grammatical choice that departs deliberately from fixed, logical language rules, such as the consistent use of the same tense throughout a text.

Despite the precision with which Anton Sammut writes, he sometimes mixes the past tense with the historical past intentionally, as in these examples:

(a) “I tell her honestly because she truly deserved it.”

(b) “Fiona, curious, says to me as she crosses her legs and begins to hold...”

This conscious stylistic decision exemplifies how the author seeks to depict a psychological state through linguistic detail.

Narrating Thought as Action

As a rule, Sammut narrates the visible world (reality, the world of the senses) in the light of the world of ideas (truth, the inner world). The setting functions primarily to align with or contrast against the characters who will inhabit it. In this work, the author writes about Paceville, which immediately offers a connotative, rather than just denotative, meaning. The

broadening of a word's significance over the course of the story shows that the narrator is not only shaping his characters, but also judging them.

He employs the ancient principle of “poetic justice”: the author narrates goodness and leads it to triumph, narrates evil and brings it to downfall.

Thus, *Paceville* as place and metaphor unfolds and reminds us of the minimum shared knowledge that allows narrator and reader to retain a common meaning behind the same word. This ironic ambiguity between narrator and setting appears in contrasts such as:

“Well, in that case, my husband isn't all that obvious,” interrupts Penny, stretching with a straight spine on the sofa. “Because I often see him coming home with some new gift, dear sister-in-law, or taking me out to some fancy restaurant.”

“That’s the monotony of a romantic husband, dear Penny, because you always know what to expect from him,” replies Mrs Ellis promptly, waving her lace fan in Andalusian Spanish style. “And here I am saying this as his mother — imagine what a foreign woman would say” (*Paceville u Lil Hinn Minnu*, p. 14).

The Idea Shaped as Narrative

Against this backdrop, Anton Sammut’s narrative project can be understood. A mature and thoughtful writer, born and raised in the shadow of the great tree that he continually acknowledges as the cradle of all writers: the History of Philosophy.

The narrative itself is oriented toward the abstract, the speculative, toward a universal idea he wishes to shape and from which he seeks to draw conclusions. The faculty most actively employed — above all — is memory. Each character reveals a little of their life, often with an ironic effect. Here, memory is presented as a constant, unchanging condition.

In grammatical terms, the author does not favour verbs and adverbs, but nouns and adjectives. For him, whatever narrative voice he adopts, philosophical argumentation is the novelist’s second nature: narrative fleshes out the idea. If that is the case, then his characters are, first and foremost, speakers, thinkers, intellectuals — as though ambiguously connected to the reality of everyday facts.

The Novel from Physical to Metaphysical

It is not merely the circumstantial desire that arises from a given situation — particularly when the encounter between man and woman develops into a shared, dual human definition, as if animus and anima are united, or reason (as beginning) and feeling (as culmination) come together. Sammut constantly suggests that every human experience is a blend of two different but complementary visions — just as God created them in the Garden of Eden.

Between Eden, implied as an ancient object of memory (the underlying text), and Paceville, understood as a place that concretises existential attitude, lies the entire journey that the implied author imposes on his characters, who are each a reasoned extension of his existential arguments.

Sammut's postmodernism is dynamic because it is firmly built on two competencies that any writer is expected to have: an innate philosophical disposition, and formal knowledge of the History of Philosophy.

This is a kind of literary self-portrait, written and spread across many pages. In Sammut, the religious element is always present underneath — at times only suggested, but occasionally surging forcefully to the surface, like the crest of a stormy sea. In this light, the title of the novel itself reveals its structure: *Paceville u Lil Hinn Minnu*. The visible text recounts "Paceville," while the deeper text lies "beyond it," offering an interpretation that remains unseen. The physical and the metaphysical are brought together.

Characters of Reflective Thought

Duality, typical of European philosophy since Aristotle (384–322 BC), is reflected here too — as the condition of anyone, like Anton Sammut's characters, who is driven by the belief that reality demands interpretation through a method that transcends it. The author captures his characters at moments of decision.

All this is suggested and implied in the novel, as the author follows the old Latin principle *ars est celare artem* (true art is to conceal art) — and so art is the opposite of the obvious, different from direct reporting.

From beginning to end, the novel maintains a measured distance from its characters, even if the author's presence is often felt in particular elements — such as the repetition of adjectives and the syntactic construction of sentences that express emotional states with unusual intensity.

The novel is written in the first person, with a confessional tone that helps maintain the protagonist's authentic identity throughout. The final paragraph of the novel includes some of its key terms: fantasy, reality, magic.

Literature as Remembrance

Perhaps the core of all this lies in the idea that the novel is a search for the definition of humanity as a natural formula composed of both the masculine and feminine. Loyal to the religious and literary heritage of a tradition in which Malta has participated for centuries, the author brings together various narrative genres: autobiography, letters, formal or occasional speech, both intimate and social, and more.

Anton Sammut's distinct contribution is found in the modes by which he narrates: direct and indirect, questioning and answering, doubtful and certain. His prose is shaped by the natural fusion of the reflective and practical character — discursive at every turn, even in Paceville, a reality that distracts. Yet the author remembers, and uses every opportunity to obey the inner command to reflect — even in a time and place of entertainment.

The entire narrative presents the opportunity the author seeks: to ask, to answer, and to ask again — revealing the most beautiful aspect of his writing: the union of the insignificant and the absolute, or rather, the discovery of the distance between alienation and concentration.

With a style both polished and spontaneous, and with moods that align closely with the inner condition of the protagonist, Anton Sammut continues along the journey he began years ago — thematically and stylistically consistent.

Language plays a vital role in building this kind of fiction. It is a reflective rather than active language, elegant yet informal, and at times consciously deviant in order to express a story made of spoken language.

Oliver Friggieri

Note: *This is an English translation of a newspaper article originally published in* **It-Torċa** *on 29 October 2017 (pp. 38–39). The article discusses the novel* **Paceville u Lil Hinn Minnu** *by Anton Sammut and features a literary critique by Professor Oliver Friggieri. Layout and formatting have been adapted for ease of reading. All interpretations of the original content have been preserved.*

---

[1] Seguna, Omar. *"Paceville u Lil Hinn Minnu" – Kritika letterarja mill-Professur Oliver Friggieri*. It-Torċa, 29 October 2017, pp. 38-39.